VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,252, 16 ta' Mejju, 2014
Taqsima B

A.L. 163 tal-2014

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti tal-2014 dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3(2) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 dwar l-Infurzar ta' Sanzjonijiet tal-Unjoni Ewropea dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra - Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali; Kap. 365.

"ir-Regolament tal-Kunsill" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill imsemmi fir-regolament 3, kif ukoll kwalunkwe emenda jew revoka li tista' issir għal dan l-istess Regolament;

"il-Bord ta' Sorveljanza" tfisser il-Bord imwaqqaf taħt ir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet; L.S. 365.08

"it-Trattat" tfisser it-Trattat imsemmi fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea. Kap. 460.

3. Dawn ir-regolamenti japplikaw għar-Regolament tal-Kunsill Ewropew (KE) Nru. 208 tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna li t-test tiegħu jidher fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Test tar-Regolamenti tal-Kunsill Ewropew (KE) Nru. 208/2014.

4. Għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, dawn ir-Regolamenti tal-Kunsill jorbtu kollha kemm huma fuq Malta u għandhom ikunu parti mil-liġi tal-pajjiż skont il-kondizzjonijiet imsemmijin fit-Trattat. Appikabilità tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea. Kap. 460.

5. (1) Meta xi dispożizzjoni ta' xi regolament magħmul taħt l-Att tkun teħtieġ lil xi persuna jew lil xi entità oħra twettaq l- Notifika dwar l-iffriżar tal-attiv.

identifikazzjoni ta' flejjes jew attiv li jappartjenu lil jew li jkunu fil-pussess ta' persuni jew entitajiet li jistgħu jiġu identifikati jew li jkunu identifikabbli taħt dawn ir-regolamenti jew l-iffriżar jew l-ibblukkar ta' dawk il-flejjes jew attiv, dik il-persuna jew entità għandha mingħajr ebda dewmien tavża bil-miktub kull informazzjoni rilevanti li jista' jkollha dwar persuni, entitajiet, attiv jew flejjes milquta b'dawn ir-regolamenti lill-Bord ta' Sorveljanza, jew lil dik l-awtorità pubblika oħra li tista' tiġi ordnata b'kull liġi oħra.

(2) L-iżvelar ta' kull informazzjoni fl-ambitu tal-pattijiet u tal-ħtiġiet ta' dan ir-regolament ma għandux jikkostitwixxi ksur tal-Att dwar Segretezza Professjonali, meta dan ikun japplika, jew ta' kull obbligu ieħor ta' konfidenzjalità li joħroġ minn xi kuntratt jew minn xi liġi oħra.

Kap. 377.

(3) Kull min jonqos milli jħares id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) ikun ħati ta' reat bħal ma hemm imsemmi fl-artikolu 4 tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Responsabbiltà ta' korp magħqud.

6. (1) Meta reat kontra xi dispożizzjoni tar-Regolament tal-Kunsill, li dawn ir-regolamenti japplikaw għalih, jew kontra dawn ir-regolamenti, isir minn korp ta' persuni (sew jekk dak il-korp ikun inkorporat jew le), kull persuna li, fiż-żmien tal-għemil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dak il-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat d-diligenza kollha xierqa biex ma tħallix illi jsir ir-reat.

(2) Meta l-persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jkun uffiċjal ta' korp magħqud bħal ma hemm imsemmi fl-artikolu 121D tal-Kodiċi Kriminali jew tkun persuna li jkollha setgħa ta' rappreżentanza jew li jkollha dik l-awtorità bħal ma hemm imsemmi f'dak l-artikolu u r-reat li dik il-persuna tkun instabet ħatja tiegħu jkun sar għall-benefiċċju, f'parti jew kollu kemm hu, ta' dak il-korp magħqud, dik il-persuna għandha għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti titqies bħala li hi vestita bir-rapprezentanza legali tal-istess korp magħqud li għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba'mija u tmienja u sittin euro (€116,468).

Kap. 9.

Piena.

7. Meta persuna tagħmel reat kontra xi dispożizzjoni tar-Regolament tal-Kunsill, li dawn ir-regolamenti japplikaw għalih, jew kontra dawn ir-regolamenti, dik il-persuna teħel, meta tinstab ħatja, priġunerija għal żmien minn tnax-il xahar sa ħames snin jew multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il elf erba'mija u tmienja u sittin euro (€116,468), jew ta' priġunerija u multa flimkien.

B 1337

SKEDA

(Regolament 3)

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 208/2014
tal-5 ta' Marzu 2014
dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi
fid-dawl tas-sitwazzjoni fl- Ukraina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal- 5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal- Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Frar 2014, il-Kunsill ikkundanna bl-akbar qawwa kull użu ta' vjolenza fl-Ukraina. Huwa sejjaħ għat-tmiem immedjat tal-vjolenza, u r-rispett sħiħ tad- drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-Ukraina. Huwa sejjaħ lill-Gvern tal-Ukraina biex jeżerċita trażżin massimu u lill-mexxejja tal-oppożizzjoni biex ibiegħdu lilhom infushom minn dawk li jirrikorru għal azzjoni radikali, inkluża l-vjolenza.

(2) Fit-3 ta' Marzu 2014, il-Kunsill qabel biex jiffoka miżuri restrittivi fuq l-iffriżar u rkupru ta' assi ta' persuni identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u persuni responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina.

(3) Fil-5 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK.

(4) Id-Deċiżjoni 2014/119/PESK tipprovdi għall-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi ta' ċerti persuni identifikati bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal- Istat tal-Ukraina u persuni responsabbli għall-ksur tad- drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina, u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, bil-għan tal- konsolidazzjoni u s-sostenn tal-istat ta' dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina. Dawk il-persuni, entitajiet u korpi huma elenkati fl-Anness ta' dik id- Deċiżjoni.

(5) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat- Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, għalhekk, bil-ħsieb, b'mod partikolari, li tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati

Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex dawn ikunu implimentati.

(6) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv, għal smigħ ġust u għall-protezzjoni tad-data personali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u prinċipji.

(7) Is-setgħa biex tiġi emendata l-lista fl-Anness I ta' dan ir- Regolament għandha tiġi eżerċitata mill-Kunsill, fid-dawl tas-sitwazzjoni politika serja fl-Ukraina, u sabiex tiġi żgurata konsistenza mal-proċess għall-emendar u r- rieżami tal-Anness tad-Deċiżjoni 2014/119/PESK.

(8) Il-proċedura għall-emendar tal-lista fl-Anness I ta' dan ir- Regolament għandha tinkludi l-għoti tar-raġunijiet għall- elenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il- korpi indikati, sabiex jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet. Fejn jitressqu osservazzjonijiet, jew tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u jinforma lill-persuna, l-entità jew il-korp konċernati kif meħtieġ.

(9) Għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u sabiex tinħoloq ċertezza legali massima fl-Unjoni, l-ismijiet u dejta oħra rilevanti li jikkonċernaw lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom ikollhom jiġu ffriżati f'konformità ma' dan ir-Regolament għandhom isiru pubbliċi. Kull ipproċessar ta' dejta personali għandu jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill* u mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

(10) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, huwa għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

---

* Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir- rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l- korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

** Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal- ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(a) "pretensjoni" tfisser kull talba, sew asserita bi proċeduri legali jew le, magħmula qabel jew wara s-6 ta' Marzu 2014, taħt jew b'rabta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni, u b'mod partikolari tinkludi:

(i) talba għat-twettiq ta' kull obbligu li jirriżulta taħt jew b'rabta ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni;

(ii) talba għall-estensjoni jew għall-ħlas ta' rahan, ta' garanzija finanzjarja jew ta' indennizz ta' kull forma;

(iii) talba għal kumpens marbut ma' kuntratt jew tranżazzjoni;

(iv) kontrotalba;

(v) talba għar-rikonoxximent jew l-infurzar, inkluż bil- proċedura ta' *exequatur*, ta' sentenza, ta' deċiżjoni arbitrali jew ta' deċiżjoni ekwivalenti, irrispettivament minn fejn tittieħed jew tingħata;

(b) "kuntratt jew tranżazzjoni" tfisser kwalunkwe tranżazzjoni ta' kwalunkwe forma u irrispettivament mil-liġi applikabbli għaliha, sew jekk tinkludi kuntratt wieħed jew aktar, jew obbligi simili, stabbiliti bejn l-istess partijiet jew bejn partijiet differenti; għal dan l-iskop, "kuntratt" tinkludi rahan, garanzija jew indennità, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennità finanzjarja, u kreditu, sew jekk legalment indipendenti jew le, kif ukoll kwalunkwe dispożizzjoni relatata li taqa' taħt, jew b'konnessjoni ma', it-tranżazzjoni;

(ċ) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal- Istati Membri kif identifikati fuq il-websajts elenkati fl- Anness II;

(d) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, kemm tanġibbli u kif ukoll intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, beni jew servizzi;

(e) "l-iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni tal-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, beni jew servizzi bi kull mod, inkluż, iżda mhux limitat għall-bejgħ, il-kiri jew l-użu tagħhom bħala ipoteka;

(f) "l-iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kull moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi li b'kull mod jirriżulta f'xi bidla fil-volum, fl- ammont, fil-post, fid-dritt ta' proprjetà, fil-pussess, fil- karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti li l-fondi jintużaw, inkluż l-immaniġġar ta' portafolji;

(g) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu, iżda mhux limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet ta' flus, kambjali, ordnijiet ta' flus u strumenti oħra ta' ħlas;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi fuq kontijiet, dejn u obbligi ta' dejn;

(iii) titoli u strumenti ta' dejn innegozjati pubblikament u privatament, inklużi l-istokks u l-ishma, iċ-ċertifikati li jirrappreżentaw titoli, *bonds*, noti, *warrants*, obbligazzjonijiet u kuntratti tad-derivattivi;

(iv) imgħax, dividends jew introjtu ieħor minn assi jew valur li jakkumula minnhom jew iġġenerat minnhom;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, garanziji tal-eżekuzzjoni jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, poloz ta' bejgħ; kif ukoll

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew f'riżorsi finanzjarji;

(h) "territorju tal-Unjoni" tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.

Artikolu 2

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, jew li huma fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp kif elenkati fl-Anness I għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandhom jitqiegħdu għad-disposizzjoni, direttament jew indirettament, jew għall-benefiċċju ta' xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I.

Artikolu 3

1. L-Anness I għandu jinkludi l-persuni li, f'konformità mal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2014/119/PESK, ikunu ġew identifikati mill-Kunsill bħala responsabbli għall-misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina, u persuni responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina, u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.

2. L-Anness I għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal- persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi konċernati.

3. L-Anness I għandu jinkludi, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi konċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet inklużi psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in- numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni

jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal- Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kif elenkati fl-Anness I, u tal-membri dipendenti tal-familji ta' dawn il-persuni fiżiċi, inklużi pagamenti għal oġġetti tal-ikel, għall-kera jew għall- garanziji ipotekarji, għall-mediċini u għat-trattament mediku, għat-taxxi, għall-primjums tal-assigurazzjoni, u għall-ispejjeż tas-servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli jew għar-rimborż ta' spejjeż marbutin mal-forniment ta' servizzi legali;

(ċ) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' tariffi jew imposti fuq servizz ta' rutina għaż-żamma jew il-manteniment ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti relevanti tkun innotifikat ir-raġunijiet li għalihom hi kkunsidrat li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni qabel l-awtorizzazzjoni.

2. L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1.

Artikolu 5

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal- Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ikunu l-oġġett ta' deċiżjoni arbitrali stabbilita qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmijin fl-Artikolu 2 ġew inklużi fl-Anness I, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva fl-Unjoni, jew deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl- Istat Membru konċernat, qabel jew wara dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi se jintużaw esklussivament

biex jiġu sodisfatti pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(ċ) id-deċiżjoni mhijiex għall-benefiċċju ta' xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fost dawk elenkati fl-Anness I; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru konċernat.

2. L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1.

Artikolu 6

1. B'deroga mill-Artikolu 2 u sakemm il-pagament minn xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp minn dawk elenkati fl-Anness I ikun dovut taħt kuntratt jew ftehim li ġie konkluż, jew taħt obbligu li rriżulta għall-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp konċernati, qabel id-data meta tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ġew inklużi fl-Anness 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew ta' riżorsi ekonomiċi, sakemm l-awtorità kompetenti konċernata tkun iddeterminat li:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jintużaw għal pagament minn xi persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fost dawk elenkati fl-Anness I; u

(b) il-pagament mhuwiex bi ksur tal-Artikolu 2(2).

2. L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1.

Artikolu 7

1. L-Artikolu 2(2) ma għandux jimpedixxi l-akkreditar ta' kontijiet iffriżati minn istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu li jirċievu fondi ttrasferiti minn partijiet terzi fil-kont tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp minn dawk elenkati, dejjem jekk kwalunkwe kreditu f'dawn il-kontijiet jiġi ffriżat ukoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill- awtorità kompetenti rilevanti bi kwalunkwe tali tranżazzjoni, mingħajr dewmien.

2. L-Artikolu 2(2) ma għandux japplika għall-akkreditar tal- kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawn il-kontijiet;

(b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha l- persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmija fl- Artikolu 2 ġew inklużi fl-Anness I; jew

(ċ) pagamenti dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fi Stat Membru jew infurzabbli fl- Istat Membru konċernat,

sakemm kwalunkwe tali imgħax, dħul ieħor u pagamenti oħrajn ikunu ffriżati skont l-Artikolu 2(1).

Artikolu 8

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir- rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il- persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi għandhom:

(a) jagħtu minnufih kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħall-informazzjoni fuq kontijiet u l-ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, u jittrażmettu kwalunkwe tali informazzjoni, direttament jew permezz l-Istat Membru lill-Kummissjoni; u

(b) jikkooperaw mal-awtorità kompetenti biex tali informazzjoni tiġi vverifikata b'kull mod.

2. Kull informazzjoni addizzjonali riċevuta direttament mill- Kummissjoni għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri.

3. Kull informazzjoni li tingħata jew li tiġi riċevuta skont dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-finijiet li għalihom tkun ġiet pprovduta jew riċevuta.

4. Il-paragrafu 3 m'għandux jimpedixxi l-Istati Membri milli jikkondividu dik l-informazzjoni, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom, mal-awtoritajiet rilevanti tal-Ukraina u ma' Stati Membri oħrajn, fejn dan ikun meħtieġ, sabiex jassistu fl-irkupru ta' fondi misapproprjati.

Artikolu 9

Il-parteċipazzjoni b'mod konxju u bi ħsieb, f'attivitajiet li għandhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri imsemmija fl-Artiklu 2 hija pprojbita.

Artikolu 10

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li dawn il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, li jsiru bona fede abbażi li dawn l-azzjonijiet ikunu konformi ma' dan ir- Regolament, ma għandhom joħolqu l-ebda tip ta'

responsabbiltà fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jimplimentawh, la għad-diretturi u lanqas għall-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma minħabba negliġenza.

2. Azzjonijiet minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi bl-ebda mod ma għandhom joħolqu xi responsabbiltà, ta' kwalunkwe tip, għalihom jekk dawn ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru l-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 11

1. L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' xi kuntratt jew tranżazzjoni fejn l-eżekuzzjoni tagħhom ġiet milquta, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' rahan, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi sodisfatta, jekk din issir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi indikati li jkunu elenkati fl-Anness I;

(b) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu permezz ta', jew f'isem, waħda mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi imsemmija fil-punt (a).

2. Fi kwalunkwe proċediment għall-infurzar ta' pretensjoni, l- oneru tal-prova li mhuwiex ipprojbit, mill-paragrafu 1, l-adempiment tal-pretensjoni, għandu jkun fuq il-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jfittxu l-infurzar ta' dik il-pretensjoni.

3. Dan l-Artikolu huwa bla preġudizzju għad-dritt tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fil-paragrafu 1 għal rieżami ġudizzjarju tal-legalità ta' non-adempiment ta' obbligi kuntrattwali skont dan ir-Regolament.

Artikolu 12

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin dwar il-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom jikkondividu kull informazzjoni oħra rilevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta ma' dan ir-Regolament, partikolarment informazzjoni:

(a) fir-rigward ta' fondi ffriżati taħt l-Artikolu 2 u awtorizzazzjonijiet mogħtija taħt l-Artikoli 4, 5 u 6;

(b) fir-rigward ta' ksur u ta' diffikultajiet ta' infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom minnufih jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar kull informazzjoni li jkollhom għad- dispożizzjoni tagħhom li tkun tista' tinċidi fuq l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

Artikolu 14

1. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 2, huwa għandu jemenda l-Anness I kif meħtieġ.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-inklużjoni fil-lista, lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp msemmijin fil-paragrafu 1, b'mod dirett, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, biex b'hekk tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jeżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp skont il-każ.

4. Il-lista fl-Anness I għandha tiġi eżaminata mill-ġdid f'intervalli regolari u għall-inqas kull 12-il xahar.

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il- penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir- Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penalitajiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmijin fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni mingħajr dewmien wara s-6 ta' Marzu 2014 u għandhom jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti li ssirilhom.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fuq il-websajts elenkati fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil fl-indirizzi tal-websajts tagħhom elenkati fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' dawn l-

awtoritajiet kompetenti, mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.

3. Fejn dan ir-Regolament jistipula xi rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata jew infurmata, jew li għandha li ssir xi komunikazzjoni magħha xorta oħra, l-indirizz u d-dettalji l- oħra tal-kuntatt li jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness II.

Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kull inġenju tal-ajru jew kull bastiment fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(ċ) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew lil hinn minnu li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp, ġewwa jew barra mit-territorju tal-Unjoni, li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir- rigward ta' kull negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
D. KOURKOULAS

ANNESS I

Lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 2

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
1	Viktor Fedorovych Yanukovych	twieled fid-9 ta' Lulju 1950, ex-President tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta’ reati b’rabta mal-approprjazzjoni indebita ta’ fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
2	Vitalii Yuriyovych Zakharchenko	twieled fl-20 ta' Jannar 1963, ex-Ministru tal-Affarijiet Interni	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta’ reati b’rabta mal-approprjazzjoni indebita ta’ fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
3	Viktor Pavlovych Pshonka	twieled fis-6 ta' Frar 1954, ex-Prosekutur Ġenerali tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta’ reati b’rabta mal-approprjazzjoni indebita ta’ fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
4	Oleksandr Hryhorovych Yakymenko	twieled fit-22 ta' Diċembru 1964, ex-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta’ reati b’rabta mal-approprjazzjoni indebita ta’ fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
5	Andriy Volodymyrovych Portnov	twieled fis-27 ta' Ottubru 1973, ex-Konsulent tal-President tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta’ reati b’rabta mal-approprjazzjoni indebita ta’ fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
6	Olena Leonidivna Lukash	twieldet fit-12 ta' Novembru 1976, ex-Ministru tal- Ġustizzja	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta’ reati b’rabta mal-approprjazzjoni indebita ta’ fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014

B 1348

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
7	Andrii Petrovych Kliuiev	twieled fit-12 ta' Awwissu 1964, ex-Kap tal-Amministrazzjoni tal-President tal- Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal- approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
8	Viktor Ivanovych Ratushniak	twieled fis-16 ta' Ottubru 1959, ex-Viċi Ministru tal- Affarijiet Interni	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
9	Oleksandr Viktorovych Yanukovych	twieled fl-1 ta' Lulju 1973, iben l-ex-President, negozjant	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
10	Viktor Viktorovych Yanukovych	twieled fis-16 ta' Lulju 1981, iben l-ex-President, Membru tal-Verkhovna Rada tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
11	Artem Viktorovych Pshonka	twieled fid-19 ta' Marzu 1976, iben l-ex Prosekutur Ġenerali, Viċi Kap tal-fazzjoni tal-Partit tar-Reġjuni fil-Verkhovna Rada tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
12	Serhii Petrovych Kliuiev	twieled fit-12 ta' Awwissu 1969, negozjant, ħu s-Sur Andrii Kliuiev	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-elenkar
13	Mykola Yanovych Azarov	twieled fis-17 ta' Diċembru 1947, Prim Ministru tal-Ukraina sa Jannar 2014	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
14	Oleksii Mykolayovych Azarov	iben l-ex-Prim Ministru Azarov	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
15	Serhiy Vitaliyovych Kurchenko	twieled fil-21 ta' Settembru 1985, negozjant	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
16	Dmytro Volodymyrovych Tabachnyk	twieled fit-28 ta' Novembru 1963, ex-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xjenza	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
17	Raisa Vasylivna Bohatyriova	twieldet fis-6 ta' Jannar 1953, ex-Ministru tas-Saħħa	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014
18	Ihor Oleksandrovych Kalinin	twieled fit-28 ta' Diċembru 1959, ex-Konsulent tal-President tal-Ukraina	Persuna soġġetta għal proċeduri kriminali fl-Ukraina dwar investigazzjoni ta' reati b'rabta mal-approprjazzjoni indebita ta' fondi tal-Istat tal-Ukraina u t-trasferiment illegali tagħhom barra l-Ukraina.	6.3.2014

B 1350

ANNESS II

Websajts għall-informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

IL-BELĠJU
http://www.diplomatie.be/eusanctions

IL-BULGARIJA
http://www.mfa.bg/en/pages/135/index.html

IR-REPUBBLIKA ĊEKA
http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

ID-DANIMARKA
http://um.dk/da/politik-og-diplomati/retsorden/sanktioner/

IL-ĠERMANJA
http://www.bmwi.de/DE/Themen/Aussenwirtschaft/aussenwirtschaftsrecht,did=404888.html

L-ESTONJA
http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA
http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

IL-GREĊJA
http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html

SPANJA
http://www.exteriores.gob.es/Portal/es/PoliticaExteriorCooperacion/GlobalizacionOportunidadesRiesgos/Documents/ORGANISMOS%20COMPETENTES%20SANCIONES%20INTERNACIONALES.pdf

FRANZA
http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/

IL-KROAZJA
http://www.mvep.hr/sankcije

L-ITALJA
http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm

ĊIPRU
http://www.mfa.gov.cy/sanctions

IL-LATVJA
http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA
http://www.urm.lt/sanctions

IL-LUSSEMBURGU
http://www.mae.lu/sanctions

L-UNGERIJA
http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/

MALTA
http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

IL-PAJJIŻI L-BAXXI
www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-vrede-en-veiligheid/sancties

L-AWSTRIJA
http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA
http://www.msz.gov.pl

IL-PORTUGALL
http://www.portugal.gov.pt/pt/os-ministerios/ministerio-dos-negocios-estrangeiros/quero-saber-mais/sobre-o-ministerio/ medidas-restritivas/medidas-restritivas.aspx

IR-RUMANIJA
http://www.mae.ro/node/1548

IS-SLOVENJA
http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika_in_mednarodno_pravo/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ ukrepi/

IS-SLOVAKKJA
http://www.mzv.sk/sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA
http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-ISVEZJA
http://www.ud.se/sanktioner

B 1352

IR-RENJU UNIT
https://www.gov.uk/sanctions-embargoes-and-restrictions

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:
European Commission
Service for Foreign Policy Instruments (FPI)
EEAS 02/309
B-1049 Brussels
Belgium
Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu.